



Il-Kummissjoni Ewropea

IL-PROGRAMM TAD-DWANA

#EUBudget #FutureofEurope #CustomsUnion



Ġunju 2018

BAĠIT ŻĠĦIR. VALUR MIŻJUD KBIR.

Il-programm tad-Dwana jappoġġa l-interkonnessjoni tad-dwana madwar l-Ewropa, kemm elettronikament u kemm fil-post. Huwa jsaħħaħ l-integrità tas-**Suq Uniku** fejn il-prodotti jistgħu jiċċirkolaw liberament u jiproteġi l-interessi finanzjarji u ekonomiċi tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. Aktar minn EUR 21 biljun jew 15 % tal-baġit tal-UE jinġabru permezz ta' dazji tad-dwana.



EUR 950 MILJUN BIEX IKUNU INTERKONNESSI L-AWTORITAJIET TAD-DWANA U BIEX IĊ-ĊITTADINI U N-NEGOZJI JKUNU SERVITI AĦJAR

Inqas minn 0,1 % tal-pakkett totali għall-2021-2027

Ejjew naraw kif se nkomplu nibnu fuq il-ħidma tagħna biex tittejjeb il-kooperazzjoni doganali tal-UE:



UNJONI DOGANALI MODERNA U INNOVATTIVA LI TIFFAĊILITÀ L-KUMMERĊ

Titjib tal-kapaċità tal-amminis-trazzjonijiet tad-dwana biex jittrattaw mal-kummerċ li qed jikber u mal-mudelli ekonomiċi u ta' ħidma li qed jinbidlu (kummerċ elettroniku, il-blockchain, eċċ.).

- *Bħalissa, hemm aktar minn 40 sistema tal-IT Ewropej li jservu lin-negozji u lill-amministrazzjonijiet nazzjonali tad-dwana (2 140 uffiċċju tad-dwana).*
- *Aħna qegħdin nintroduċu l-ġenerazzjoni li jmiss ta' sistemi ta' ġestjoni tar-riskju.*
- *Il-kummerċ li qiegħed dejjem jiżdied jiddependi fuq l-iżdoganar ta' malajr tal-prodotti filwaqt li jinżammu l-kontrolli xierqa. Fl-2017, id-dwana tal-UE pproċessat 331 miljun dikjarazzjoni jew 10 dikjarazzjonijiet kull sekonda.*



TITJIB TAL-KOOPERAZZJONI FIL-POST

Aktar appoġġ lill-awtoritajiet tad-dwana bis-saħħa tal-kooperazzjoni msaħħa u t-taħriġ.

- *Twettiq tax-xogħol fl-UE kollha ta' timijiet ta' esperti (pereż. fruntieri tal-art, laboratorji).*
- *Korsijiet ta' taħriġ biex tkun modernizzata l-Unjoni Doganali: mill-2014 kienu mħarrġa 828 000 professjonist tad-dwana.*
- *Ikunu żviluppatti aktar l-istandards ta' kompetenza komuni għall-uffiċjali tad-dwana.*



PROTEZZJONI TAL-UE U Ċ-ĊITTADINI TAGĦHA

Ġestjoni aħjar tar-riskju biex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-UE u biex ikun hemm tweġiba għat-theddid tas-sigurtà u l-kriminalità transfruntiera.

- *Kontribuzzjoni għall-baġit tal-UE permezz tal-ġbir ta' dazji tad-dwana (EUR 21,3 biljun fl-2017, jiġifieri 15,8 % tal-baġit tal-UE).*
- *Żieda fl-iskambju tal-informazzjoni u d-data bejn l-amministrazzjonijiet nazzjonali tad-dwana għall-identifikazzjoni u prevenzjoni aħjar tal-fluss ta' oġġetti illeċiti.*
- *Ħidma biex il-kontrolli tad-dwana jkunu aktar immirati. Aktar minn 2,7 miljun biċċa ta' munizzjon u 188 000 biċċa ta' splussivi nqabdu fl-UE fl-2017.*